**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta' sessjoni*

**B10-0089/2024}**
**B10-0091/2024}**
**B10-0092/2024}**
**B10-0093/2024}**
**B10-0094/2024}RC1**

9.10.2024

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikoli 150(5) u 136(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:

B10-0089/2024 (Verts/ALE)
B10-0091/2024 (Renew)
B10-0092/2024 (S&D)
B10-0093/2024 (PPE)
B10-0094/2024 (ECR)

dwar l-Iraq, b'mod partikolari s-sitwazzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-proposta reċenti biex tiġi emendata l-Liġi dwar l-Istatus Personali

(2024/2858(RSP))

**Sebastião Bugalho, Ingeborg Ter Laak, Michael Gahler, David McAllister, Ana Miguel Pedro, Isabel Wiseler-Lima, Luděk Niedermayer, Paulo Cunha, Mirosława Nykiel, Marta Wcisło, Vangelis Meimarakis, Danuše Nerudová, Rosa Estaràs Ferragut, Tomáš Zdechovský, Nicolás Pascual De La Parte, Jörgen Warborn, Wouter Beke, Željana Zovko, Miriam**

**Lexmann, Inese Vaidere, Péter Magyar**
f'isem il-Grupp PPE
**Alex Agius Saliba, Yannis Maniatis, Francisco Assis, Evin Incir, Nicola Zingaretti**
f'isem il-Grupp S&D
**Joachim Stanisław Brudziński, Adam Bielan, Assita Kanko, Alexandr Vondra, Veronika Vrecionová, Ondřej Krutílek, Michał Dworczyk, Ivaylo Valchev, Alberico Gambino, Carlo Fidanza, Emmanouil Fragkos, Sebastian Tynkkynen, Waldemar Tomaszewski**
f'isem il-Grupp ECR
**Abir Al-Sahlani, Petras Auštrevičius, Helmut Brandstätter, Benoit Cassart, Olivier Chastel, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Svenja Hahn, Karin Karlsbro, Moritz Körner, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Jan-Christoph Oetjen, Urmas Paet, Hilde Vautmans, Lucia Yar**
f'isem il-Grupp Renew
**Hannah Neumann**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Per Clausen, Lukas Sieper, Rima Hassan**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Iraq, b'mod partikolari s-sitwazzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-proposta reċenti biex tiġi emendata l-Liġi dwar l-Istatus Personali**

**(2024/2858(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Iraq,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 150(5) u 136(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Parlament tal-Iraq qed ifassal emendi restrittivi ħafna għal-Liġi 188/1959 (il-Liġi dwar l-Istatus Personali), li jolqtu d-drittijiet tan-nisa; billi b'riżultat ta' dan, kwistjonijiet tal-familja, inkluż iż-żwieġ, id-divorzju u l-kustodja tat-tfal, effettivament jaqgħu taħt il-kompetenza tal-qrati reliġjużi aktar milli l-qrati ċivili, u dan jinvolvi diskrepanzi inkwetanti ħafna marbuta mar-reliġjon, skont l-esperti tan-NU; billi għal uħud, l-età minima legali għaż-żwieġ tkun ta' 9 sena għall-bniet u 15-il sena għas-subien, u hemm biża' ta' żieda fil-vjolenza kontra n-nisa fil-futur; billi 22 % taż-żwiġijiet mhux irreġistrati jinvolvu bniet taħt l-14-il sena; billi l-Qorti Suprema approvat il-kostituzzjonalità tal-aktar emendi problematiċi qabel it-tielet qari, li ġie pospost fit-2 ta' Ottubru 2024; billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tan-nisa fl-Iraq diġà ġiet ikkritika b'mod qawwi;

B. billi l-missjoni UNITAD tan-NU fl-Iraq, li kienet qed tinvestiga delitti sesswali mwettqa mid-Daesh kontra n-nisa, b'mod partikolari dawk Yazidi, kellha tagħlaq fis-17 ta' Settembru 2024 wara d-deċiżjoni tas-sena l-oħra, appoġġjata mir-Russja u miċ-Ċina, li ma jitkompliex il-mandat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tagħha; billi l-Missjoni ta' Assistenza tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iraq (UNAMI) se jkollha tagħlaq ukoll fl-2025;

C. billi l-Premju Sakharov 2016 għal-libertà tal-espressjoni ngħata lil Nadia Murad u Lamiya Aji Bashar, żewġ nisa Iraqini Yazidi, għall-ġlieda tagħhom kontra l-vjolenza sesswali marbuta mal-kunflitti;

D. billi l-Artikolu 14 tal-kostituzzjoni tal-Iraq jiddikjara li "l-Iraqini huma ugwali quddiem il-liġi, mingħajr diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru";

E. billi 73 % ta' dawk li wieġbu l-istħarriġ tat-Tim tal-Istħarriġ tal-Iraq esprimew "oppożizzjoni qawwija" għall-bidliet fil-Liġi 188/1959;

1. Iħeġġeġ lill-Parlament tal-Iraq jiċħad għalkollox u immedjatament l-emendi proposti għal-Liġi 188/1959 (il-Liġi dwar l-Istatus Personali); jissottolinja, bl-akbar tħassib, li l-emendi jiksru l-obbligi internazzjonali tal-Iraq fir-rigward tad-drittijiet fundamentali tan-nisa, u jirriżultaw f'rigress sinifikanti, reputazzjoni internazzjonali dejjem aktar ħażina u ż-żamma ta' xi assistenza barranija minn organizzazzjonijiet bilaterali u multilaterali;

2. Jistieden lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri jikkundannaw l-emendi proposti; jistieden lid-

delegazzjoni tal-UE fl-Iraq tagħmel l-għotjiet għall-iżvilupp kundizzjonali fuq it-taħriġ ġudizzjarju dwar il-vjolenza sesswali u il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-istabbiliment ta' postijiet ta' kenn għan-nisa; iħeġġeġ lill-Iraq jadotta pjan ta' azzjoni nazzjonali biex jelimina ż-żwieġ tat-tfal, jikkriminalizza l-istupru fiż-żwieġ, jiġġieled il-vjolenza domestika u jsaħħaħ id-drittijiet tan-nisa u l-bniet, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa; jitlob sħubija msaħħa mal-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Parlament tal-Iraq, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Iraq;

3. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw aktar lid-difensuri tad-drittijiet tan-nisa u tat-tfal fl-Iraq;

4. Jinsab imħasseb ħafna dwar in-nuqqas ta' protezzjoni legali fil-kodiċi penali għan-nisa u t-tfal vittmi ta' vjolenza domestika u jitlob titjib;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex wara li tara li tiġi tradotta bl-Għarbi, tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Parlament u lill-Gvern tal-Iraq, lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri.